MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Rikors Numru. 17/2002/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Dr. Mario Sant Cassia, Dr. Louis Joseph Sant Cassia, Maria Arrigo, Dr. Leslie Grech f'isem l-assenti John Paul Olivier, Robert Henry Olivier, Frences Testaferrata Olivier, Mario Galea Testaferrata (u b'digriet tat-23 ta' Settembru 2008 wara l-mewt tieghu l-atti kienu trasfuzi f'isem Camilla Scerri, James Galea Testaferrata, Maria Galea Testaferrata u Simon Galea Testaferrata), Helen Miles (u b'digriet tal-Bord tat-3 t'April 2008 wara l-mewt taghha l-atti kienu trasfuzi f'isem Agnese Gera de Petri Testaferrata (ID 454749M), Nicholas Jensen (ID 47654M) u Irene Bache (ID 388781M), Agnese Gera de Petri, Anne Marie Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Nicholas Jensen f'ismu u f'isem l-assenti Irene Bach u Alfred Gera de Petri bhala ezekutur testamentarju ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art:

Illi l-intimati Dr. Mario Sant Cassia, Dr. Louis Joseph Sant Cassia, Maria Arrigo, Dr. Leslie Grech f'isem l-assenti John Paul Olivier, Robert Henry Olivier, Frences Testaferrata, Mario Galea Testaferrata, Helen Miles, Agnese Gera de Petri, Anne Marie Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Nicholas Jensen f'ismu u f'isem l-assenti Irene Bach gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 22 t'Awissu 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-Awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghall-proprjeta' ossia bicca art f'Marsaskala tal-kejl ta' madwar 726 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u mill-Punent ma' proprjeta' ta' Anthony Sant Cassia u min-nofsinhar ma tirq pubblika huwa ta' sitta u tletin elf, erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm36,450.00,0) kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred H. Valentino A&CE tas-6 ta' Lulju 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru 2001 l-intimata n-nobbli Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Kontessa Caren Preziosi fost affarijiet ohra ddikjarat illi ma taccettax il-kumpens offert ghal bicca art u dan ghandu jkun ta' mija u erbgha u tletin elf u tlett mija u ghaxar Liri Maltin (Lm134,310)

Illi b'zewg ittri ufficjali datati 10 ta' Settembru 2001 l-intimati l-ohra u cioe' Helen Miles, Agnese Gera de Petri, Mario Galea Testaferrata, Dr. Mario Sant Cassia, Dr. Louis Joseph Sant Cassia, Maria Arrigo, Dr. Leslie Grech ghan-nom ta' John Paul Olivier, Robert Henry Olivier u Frances Testaferrata Olivier u Nicholas Jensen Testaferrata f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' ohtu l-imsiefra Irene Bach iddikjaraw illi ma jaccetawx il-kumpens offert u dan ghandu jkun ta'

mija u erbgha u tletin elf u tlett mija u ghaxar Liri Maltin (Lm134,310)

Illi l-intimat Alfred Gera de Petri bhala ezekutur testamentarju ta' Alfio Testaferrata Bonici gie notifikat b'Avviz ta' Ftehim datat 8 ta'April 2002 fejn gie nfurmat illi l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghall-proprjeta fuq imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' dana r-rikors huwa ta' sitta u tletin elf u erbgha mija u hamsin lira Maltim (Lm36,450.00,0) kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred H. Valentino A&CE tas-6 ta' Lulju 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-26 ta' April 2002 l-intimat fost affarijiet ohra jidikjara illi ma jaccetax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' mija u erbgha u tletin elf u tlett mija u ghaxar Liri Maltin (Lm134,310)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art f'Marsaskala fuq imsemmija jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra l-ittra ufficjali risponsiva ta' Mario Galea Testaferrata, it-Tabib Dott. Mario Sant Cassia, it-Tabib Dott Louis Joseph Sant Cassia, Maia Arrigo, l-avukat Leslie Grech ghan-nom ta' John Paul Olivier, Robert Henry Olivier u Frances Testaferrata Olivier, u Nicholas Jensen Testaferrata f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza ta' ohtu l-imsiefra Irene Bach li permezz taghha filwaqt illi ddikjaraw li ma jaccetawx is-somma offerta stante li hija ferm inferjuri u ma tikkostitwix kumpens xieraq u li l-kumpens xieraq ghandu jkun ta' mija

u erbgha u tletin elf, tett mija u ghaxar liri maltin (LM134,310.00);

Ra l-ittra ufficcjali risponsiva tan-Nobbli Anna Maria Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Kontessa Caren Preziosi li permezz taghha ddikjarat li mhix qed taccetta l-kumpens offrut mill-Awtorita' u li l-kumpens minnha pretiz huwa ta' mija u erbgha u tletin elf, tett mija u ghaxar liri maltin (LM134,310.00) oltre ddanni mid-data tal-okkupazzjoni tal-istess art.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi f'din il-materja, l-Bord kien assistit mill-periti teknici membri l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace li wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz, irrelataw bil-miktub u r-relazzjoni taghhom hija annessa u formanti parti minn din id-decizjoni.

Illi fil-parti konklussiva tar-relazjoni taghhom, l-periti membri qalu li wara li ikkonsidraw l-fatti kollha kompriz it-talba ghal kumpens skond l-intimati, huma tal-opinjoni illi l-proprjeta' in kwistjoni tkun meqjusa bhala art fabrikabbli fl-ammont ta' mija u sittax-il elf u hames mitt lira maltin (LM116,500) [ekwivalenti ghal mitejn wiehed u sebghin elf, tlett mija tnejn u sebghin Euro (Euro 271,372.00)]

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jitrasferixxu b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka l-bicca art f'Marsaskala tal-kejl ta' madwar 726 metri kwadri li tmiss mill-Grigal u mill-Punent ma' proprjeta' ta' Anthony Sant Cassia u min-nofsinhar ma triq pubblika li minn issa qed tkun dikjarata fabrikabbli u dan bil-kumpens ta' mitejn wiehed u sebghin elf, tlett mija tnejn u sebghin Euro (Euro 271,372.00) oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fil-11 ta' Marzu 2009 fis-2.00 pm fl-ufficcju

tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------